**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 129/97

Mario Mizzi

vs

Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u d-Direttur tax-Xoghol li gie kjamat fil-kawza skond digriet tas-27 ta' Jannar 1998 u d-Direttur tal-Edukazzjoni li gie kjamat fil-kawza b'digriet tat-22 ta' Gunju 1998

Illum 13 ta' Gunju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta ta' Gunju 1989 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni/posting.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej u cioe' li ir-rikorrent kien impjegat ma' l-Auxiliary Training Scheme bhala labourer u f'Marzu ta' l-1989 beda course fil-clerical work li jwassal ghall-posizzjoni ta' messaggier jew skrivan mal-gvern.

Illi ir-rikorrent ghamel l-ezami f'Gunju u ghadda u mit-tmienja li ghaddew mill-ezami ir-rikorrent biss ma giex ippostjat hekk u thalla bhala labourer.

Illi xi sena wara huwa kien gie avvicinat mis-supervisor s-Sur Alfred Vella biex jaghmel xi xoghol mieghu ta' skrivan u fil-fatt dan ghamlu fil-Birgu;

Illi wara l-elezzjoni Generali ta' 1992 ir-rikorrent gie trasferit minhabba t-twemmin politiku tieghu ghall-Iskola ta' Snajja ta' Bighi fejn beda hemmhekk jokkupa l-kariga ta' Storekeeper, minkejja l-grad tieghu baqa' dak ta' labourer.

Illi wara tlett snin iwettaq dan ix-xoghol ghax kien hemm min irid il-post ta' storekeeper, u wkoll minhabba l-mottiv politiku tieghu, ir-rikorrent gie mnehhi mill-istores u moghti x-xoghol li thalla jaghmel sa Mejju tal-1997.

Illi ghalhekk huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu bix-xhieda indikati f'dan ir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata dak ir-rimedju billi jigi ordnat illi jinghata dik il-promozzjoni li gie mcahhad minnha ngustament (skrivan/Messagier) flimkien mas-seniority, jew inkella jekk dak ir-rimedju ma jistax jinghata, jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent qatt ma kien ufficjalment impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u ghalhekk huwa mhuwiex il-legittima kontradittur.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xoghol li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors hu ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi kariga pubblika tista' biss timtela wara li jigu addottati l-proceduri stabbiliti permezz ta' l-Artikolu 110(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghalhekk il-kors mhejji mill-Iskema Haddiema Awziljarji u ta' tahrig ma seta' qatt iwassal ghal kariga mas-Servizz Pubbliku.

Illi l-uniku ezami pubbliku kompettitiv ghad-dhul ta' **Clerical Assistants** mas-Servizz Civili li kien miftuh ghall-membri ta' l-

Iskema u ghalhekk inkluz ir-rikorrent, kien dak li skond l-avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern datat 24 ta' Novembru 1989 kellu jinzamm f'Dicembru 1989 izda peress li ma jidhirx li r-rikorrent lanqas kien applika ghall-ezami ghalhekk ma jistax jippretendi li kien intitolat ghal dak l-impieg.

Illi fil-31 ta' Awissu 1991 il-membri ta' l-Iskema kienu nghataw il-possibilita' li jidhlu mas-Servizz Civili bhala labourers Group A b'effett mill-1 ta' Jannar 1992 u ghalhekk ir-rikorrent li sa dak in-nhar kienu ghadu membru ta' l-iskema kien impjegat minn dik id-data bhala Labourer Group A mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni li ghalhekk ghandu jigi kjamat fil-kawza.

Ghaldaqstant ghar-ragunijet suesposti kif ukoll dawk li jigu rilevati waqt it-trattazzjoni tar-rikors l-intimat jinnega li saret xi ngustizzja mar-rikorrent u ghalhekk jitlob bir-rispett illi dan t-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors fl-ismijiet fuq imsemmija.

Ra r-risposta tad-Direttur tal-Edukazzjoni li eccepixxa:

Illi Mario Mizzi dahal bhala labourer mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fl-1 ta' Jannar 1992 u ghalhekk l-allegazzjonijiet tieghu imsemmija fir-rikors qabel dan iz-zmien m' ghandhomx jaffettwaw jew jirriflettu kontra l-intimat.

Ghar-rigward ta' dak li gara mill-1 ta' Jannar 1992 'l quddiem jinghad illi mir-records ta' l-intimat jidher illi meta dahal fl-1 ta'

Jannar 1992 kien gja civil servant u mar jahdem Bighi Trade School u jidher li baqa' mad-dipartiment tal-Edukazzjoni sal-1997. Meta mbaghad gie trasferit ghall-Qorti u personal file tieghu qieghed fil-prezent il-qorti u mhuwiex disponibbli ghall-intimat.

Illi l-intimat jichad li kien hemm xi trasferimenti motivati minhabba l-politika jew li saret ingustizzja fil-konfront ta' Mario Mizzi.

Illi minghajr pregudizzju ghal premess jidher li huwa minnu li r-rikorrent ghamel xi zmien jaghmel xoghol ta' storekeeper, ghalkemm huwa kellu grad ta' labourer u wiehed irid jezamina c-cirkostanzi ghaliex kien gara hekk pero` zgur ma jistax jilmenta dwar il-fatt li hu ma thalliex ikompli jaghmel xoghol ta' storekeeper u gie moghti xoghol fil-grad tieghu ta' portier.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Zied li kien sar kors bl-iskop li min jghaddi minnu jispicca skrivan jew messaggier ghal clerical works u hu kien ghamel dan il-kors u kien ghadda mill-ezami u esebixxa kopja tar-rizultat – fol 12. Ghalhekk sostna li kellu jigi ppustjat. Dan kien qalulhom certu Saliba mill-Education. Sadanittant hu kien dejjem baqa' jaqta` l-haxix. Fl-1991 baghatu l-istore jaghmilha ta` storekeeper u dam tlett snin. Pero` madanakollu dejjem baqa' general hand avolja kien in charge mill-istore. Kien hemm haddiehor fl-istore pero` x-xoghol kien jaghmlu kollu hu wahdu. Ghall-quotations kien imur jigri fil-hwienet u jiffirma ghall-oggetti. Fl-1993 kien tbiddel is-surmast u kienu baghatu storekeeper iehor minnfloku u lilu baghatuh jiknes il-klassijiet.

Hadem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici meta dahal bhala awziljarju. Kien jithallas mill-awziljarji.

Kienu 9 li ghamlu l-kors u fil-fatt ghaddew 8. L-iskop tal-kors kien li min jghaddi minnu jkun jista` jigi ppustjat b` mod definittivament jew ma` kumpanija jew mal-Gvern izda fil-fatt ghalkemm ghadda u gie t-tielet ma kiex gie ippustjat. L-ohrajn kienu kollha ta` kulur politiku differenti minnu. Wara li ghamel il-kors minnflok li ppustjah xi mkien qaghdu jaghtuh hafna transfers. Fl-1991 kien ghadu mal-AWTS pero` qieghed jaghmel xoghol ghall-Education Department waqt li fl-1 ta` Jannar 1992 gie definittivament imdahhal mal-Gvern fl-Education Department. Ghall-habta tal-1994, 1995 fl-education qalbuh ghal

purtinar general hand. Meta kien jaghmel ix-xoghol ta` storekeeper ma kien jiehu ebda allowance jew pagament zejjed. Kien ilmenda diversi drabi dwar din ir-responsabbilta` zejda li kellu.

Mario Vella xehed li fl-1988 kien jahdem bhala awziljari flimkien mar-rikorrent. Semma li kien jahdem xoghol ta` natura manwali. Kien jithallas mill-awziljari. L-ordnijiet kienu jiehduhom minghand ufficjali tal-edukazzjoni kif ukoll mid-dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici.

Alfred Attard semma li li jaf lir-rikorrent minn Bormla bhalu. Hu kien inkarigat mix-xoghol tal-gov report u fil-fatt kien gieh f` rasu li juza lir-rikorrent fix-xoghol tieghu u ghalhekk kien fittex biex jara ezattament fejn qieghed jahdem u sab li qieghed stazzjonat Hal-Far, pero` fis-section ta` Sant Antnin Marsascala.

Il-foreman ma hax gost ghax qallu li ser jehodlu bniedem tajjeb. Kien spjegalu li ha jtellfu l-possibilta` ta` avvanz fix-xoghol u ghalhekk kien accetta. Kien riedu jaghmel xoghol ta` skrivan mieghu inkluz ix-xoghol ta` timekeeper. Mario Vella kien wiehed mis-supervisors ta` tahtu.

Zied li mal-Public Works qatt ma kellhom x`jaqsmu jew mad-Dipartiment tax-Xoghol. Ghalhekk il-Ministeru li kellu x` jaqsam kien il-Ministeru tas-Social Policy f` idejn Louis Galea. Meta l-iskema tal-awziljari kienet giet xjolta id-dipartimenti kienu ghamlu talba biex jiehdu n-nies u r-rikorrenti spicca mal-

edukazzjoni minhabba f`hekk, ghax kienet saret talba ghalih mill-Edukazzjoni.

Louis Borg headmaster tal-Iskola tas-Snajja Abram Gatt Ta` Bighi xehed li r-rikorrent kien ghamel zmien jahdem tahtu l-iskola in kwistjoni l-1993 u l-1996 meta kien headmaster. Ir-rikorrent dam jaghmel dan ix-xoghol sakemm l-Education Department tawh bniedem iehor ta` store keeper. Ix-xoghol ta` store keeper fi skola tas-snajja huwa xoghol partikolari u responsabbli. Minghajr ix-xoghol ta` store keeper skola tas-snajja ma tistax tiffunzjona. Ma ha ebda allowance talli kien qed jaghmel dan ix-xoghol addizzjonali u ta` certu responsabbilta`.

Paul Scicluna Ufficjal Ezekuttiv fid-Dipartiment tax-Xogholijiet ikkonferma r-risposta tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u zied li r-rikorrent qatt ma kien impjegat mad-dipartiment ikkoncernat.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent qatt ma kien impjegat jew kellu relazzjonijiet diretti la mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u lanqas mad-Dipartiment tax-Xoghol. Hu ghall-ewwel kien fl-iskema tal-Awziljari. Hemm skond ir-rikorrent kienu weghduh li jsir messaggier jew skrivan jekk jghaddi mill-kors kif fil-fatt kien ghamel. Izda dwar din il-weghda ftit li xejn hemm bhala provi quddiem it-Tribunal. Lanqas ma jirrizulta sewwa minn kien ghamel din il-weghda. Ir-rikorrent la gab prova tad-Dipartiment

u lanqas identifika sufficjentement il-persuna li allegatament ghamlet din il-weghda. Taht dawn ic-cirkostanzi ma jistax dan it-Tribunal hlief li jaccetta l-eccezzjoni tad-Diretturi tax-Xoghol u tax-Xogholijiet Pubblici li huma m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kaz. L-istess kors ukoll ma jirreferix ghal zmien meta r-rikorrent kien impjegat mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Ghaldaqstant fir-rigward tal-ilment dwar il-kors tal-1989 l-ilment hu michud.

Dwar it-tiei ilment u cioe' li r-rikorrent ghamel xoghol superjuri ghall-grad tieghu dan jista' jirrizulta biss fil-konfront tad-Direttur tal-Edukazzjoni ghax mill-1992 'l quddiem ir-rikorrent kien impjegat ma' dan id-Dipartiment.

Irrizulta b'mod car li r-rikorrent f'dak iz-zmien kien impjegat bhala labourer, kif ukoll li dam jaghmel xoghol ta' storekeeper ghal xi erba' snin. Dan ix-xoghol kien superjuri ghall-grad tieghu. Ir-rikorrent certament ma jistax jilmenta mill-fatt li fl-1996 regghu qabbduh jaghmel xoghol ta' labourer izda jista' jilmenta li kellu jaghmel ghal erba' snin xoghol ta' livell superjuri ghall-grad tieghu meta ma thallasx tieghu.

Fil-kawza fl-ismijiet "Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni" deciza fit-2 ta' Novembru, 2000 it-Tribunal kien stqarr li impjegat li ghal zmien twil [f'dak il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih d-dritt ghall-promozzjoni. Ara wkoll Anthony Cachia vs

Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000. L-istess principju hu applikabbli ghall-kaz in ezami; izda hawn id-durata hija aqsar – 4 snin flokk 7 snin, kif ukoll ghalkemm ir-rikorrent fil-kaz odjern ghamel xoghol superjuri hawn ma kellux hamsin persuna tahtu.

Ghal dawn il-motivi, jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, u peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat taht dan l-aspett, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].

Spejjez kontra d-Direttur tal-Edukazzjoni.